MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 49/1994/1

**Ruth Sultana mart l-istess Emanuel, f'isimha proprju u f'isem uliedha minuri Michael, Mark Anthony, Liza Marie, Jonathan, u Sara Jane ahwa Sultana.**

**vs.**

**Emanuel Sultana.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Jannar 1994 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-istanti Ruth Sultana u l-konvenut Emanuel Sultana kienu zzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju elf, disa' mija u sebghin (1970), u kellhom hamest itfal, cjoe`

Michael, Mark Anthony, Liza Marie, Jonathan, u Sara Jane ahwa Sultana;

Illi l-istess konjugi Sultana, debitament awtorizzati b’digriet tas-Sekond’ Awla ta’ din il-Qorti, sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt pubblikat fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Lulju, elf disa mija u wiehed u disghin (1991);

Illi l-istess konjugi Sultana *oltre* li xoljew il-komunjoni ta’ akkwisti u qasmu l-beni komuni, ftehimu li l-istanti Ruth Sultana ikollha l-kustodja ta’ l-imsemmija uliedhom minuri bid-dritt ta’ access ghall-konvenut;

Illi *inoltre*, l-konvenut Emanuel Sultana obbliga ruhu li jissoministra manteniment lil martu Ruth Sultana ghaliha u ghall-imsemmija uliedhom, *“fl-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar, liema manteniment jizdied b’hamsin fil-mija (50%) ta’ kull zieda fil-paga jew fid-dhul li l-istess Emanuel Sultana jkollu minn zmien ghal zmien”,* bid-dritt ta’ l-attrici li tippercepixxi wkoll ic-*Children’s Allowance* tat-tfal;

Illi kemm il-paga, kemm id-dhul tal-konvenut zdiedu kemm-il darba mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni, pero’ minkejja li gie nterpellat diversi drabi biex ihallas awment fil-manteniment ekwivalenti ghal hamsin fil-mija ta’ kull zieda fil-paga jew fid-dhul tieghu, l-istess konvenut baqa’ inadempjenti;

Illi l-istanti ghandha dritt ghal dan l-awment inkluzi l-arretrati b’effett mid-data ta’ kull awment kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tillikwida z-zieda dovuta minnu bhala manteniment lil martu, l-attrici, Ruth Sultana, ghaliha u ghal uliedhom komuni, il-minuri Michael, Mark Anthony, Liza Marie, Jonathan u Sara Jane, ahwa Sultana u konsegwentement tistabbilixxi r-retta alimentarja dovuta mill-konvenut skond l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni tad-29 ta’ Lulju 1991;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija uliedhom ir-retta alimentarja hekk stabbilita minn din il-Qorti;
3. Tillikwida ukoll l-arretrati kollha dovuti bhala zieda fil-manteniment skond il-kuntratt ta’ separazzjoni tad-29 ta’ Lulju 1991 sad-data tas-sentenza;

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija uliedhom l-ammont ta’ arretrati hekk likwidat.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tat-2 ta’ Frar 1992, ta’ l-14 ta’ Settembru 1992, u tal-5 ta’ Novembru 1993, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li jibqa` ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process;

Rat il-kuntratt ta’ separazzjoni datat 29 ta’ Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion a fol. 6 tal-process.

Rat is-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Franco Depasquale datati 31 ta’ Mejju 1994, 30 ta’ Gunju 1994, l-1 ta’ Novembru 1994 u 14 ta’ Dicembru 1994 fejn il-kawza dejjem baqghet differita ghan-notifka tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Sultana a fol. 27 tal-processipprezentati fl-10 ta’ Marzu 1995 u li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi t-talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress li l-attrici li favur taghha gie pattwit l-manteniment tilfet il-jedd taghha ghall-manteniment minhabba li qed tikkoabita *more uxorio* ma’ haddiehor;

2. *Inoltre* hemm mit-tfal li qeghdin jahdmu;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 27 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 27 tal-process;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenut datata 10 ta' Marzu 1995 a fol. 28 tal-process fejn ippremetta:-

Illi l-kontendenti ghamlu l-kuntratt riferit fit-talba principali ghal separazzjoni konsenswali;

Illi l-attrici qed tghix *more uxorio* ma' ragel iehor, u ghalhekk tilfet id-dritt ghall-manteniment minn zewgha;

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjaraha dekaduta mid-dritt tal-manteniment minn zewgha, u ghalhekk l-obbligu tal-manteniment kontrattwali fil-konfront taghha huwa mitmum.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-attrici ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut ghall-kontro-talba tieghu a fol. 28 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 29 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici Ruth Sultana ghal kontro-talba tal-konvenut a fol. 33 tal-process ipprezentata fit-30 ta' Marzu, 1995 u li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenut hija nulla peress li ma hiex indirizzata kontra l-istess atturi izda biss kontra wahda minnhom;

2. Illi t-tieni premessa fil-kontro-talba tal-konvenut hija infondata fil-fatt u fil-ligi;

3. Illi ghalhekk anke t-talba rikonvenzjonali hija nfondata fil-fatt u fil-ligi u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

4. Illi bla pregudizzju ghas-sue-eccepit l-istess konvenut dahal fl-obbligazzjoni kontrattwali ghall-hlas ta' manteniment ghal martu u ghal uliedu bit-termini u l-kundizzjonijiet imnizzla u approvati minnu fil-kuntratt u konsegwentement ma ghandux jedd jibdel dawk l-obbligazzjonijiet u kundizzjonijiet unilateralment kif qed jitlob.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 34 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 35 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 1995 fejn il-Qorti hekk diversament presjeduta ordnat lill-attrici tipprezenta d-dokumenti u l-affidavit kollha taghha fi zmien xahar mill-lum u l-konvenut ghandu jipprezenta dawk responsivi tieghu fi zmien xahar minn meta jigi notifikat b'dawk ta' l-attrici; tal-31 ta' Mejju 1995 fejn il-Qorti osservat li l-attrici naqset li tipprezenta dokumenti msemmija fil-verbal precedenti u ma dehritx ghall-udjenza ta' llum ghalkemm giet prezentata nota ta' l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba; ta' l-14 ta' Novembru 1995 fejn Dr. Pawlu Lia ghall-attrici mpenja ruhu li jipprezenta l-affidavit u dokumenti kollha ta' l-attrici; tas-7 ta' Frar, 1996; tat-23 ta' April 1996 fejn Dr. Miriam Hayman irrilevat li l-affidavit prezentat mill-attrici fis-27 ta' Novembru jidher li gie mdahhal fil-kawza l-ohra ghall-annullament bin-numru 1062/92; tal-25 ta' Gunju 1996; tat-13 ta' Novembru 1996; tal-5 ta' Frar 1997 fejn Dr. Miriam Hayman ikkonfermat li ma kienux tressqu provi f'din il-kawza; tas-16 ta' April 1997 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghall-verbal precedenti u osservat li l-attrici ma ressqitx provi; tal-25 ta' Gunju 1997 tal-5 ta' Novembru 1997 fejn il-Qorti spjegat lill-attrici li sad-differiment li gej kellha tezamina l-affidavit taghha tas-7 ta' Novembru 1995 u tipprezenta kull affidavit jew dokument mehtieg; ta' l-10 ta' Dicembru 1997; tat-18 ta' Marzu 1998 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li jkun hemm inkontru anke dwar l-ezitu tal-kawza l-ohra 1335/95; tat-13 ta' Mejju 1998; tas-7 ta' Lulju 1998 fejn il-Qorti ordnat lill-attrici tipprezenta affidavit bix-xhieda kollha taghha bid-dokumenti fi zmien sitt

gimghat mil-llum u l-konvenut ikollu sitt gimghat minn notifika biex jipprezenta dawk responsivi; tat-28 ta' Ottubru 1998 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li fl-intervall kien hemm trattativi ghal fethim li, pero', fallew; tat-13 ta' Jannar 1999 fejn l-attrici mhux assistita nfurmat lill-Qorti li kienet ghaddiet l-affidavit taghha lid-difensur taghha; tas-26 ta' Frar 1999 fejn Dr. Chetcuti ghall-konvenut prezenti jaghti ruhhu norifikat u obbliga ruhhu li jipprezenta l-affidavit responsiv fi zmien tlett gimghat; tat-12 ta' Mejju 1999; ta' l-4 ta' Gunju 1999 fejn Dr. Edwina Chetcuti nfurmat lill-Qorti li dal-ghodu kienet ser tipprezenta affidavit li kopja tieghu qed jinghata lill-kontro-parti li qed jigi rizervat lilu d-dritt tal-kontro-ezami u obbligat ruhha li sad-differiment li gej tipprezenta d-dokumenti P3 kollha mid-data ta' meta ghamel il-kuntratti; ta' l-14 ta' Lulju 1999 fejn Dr. Edwina Chetcuti nfurmat lill-Qorti li trid tressaq bhala xhieda familjari li huma dikjarati; tat-3 ta' Dicembru 1999 fejn il-Qorti iddifferiet l-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-partijiet u ghat-trattazzjoni finali b'mod li wara tithalla ghas-sentenza; tas-16 ta' Frar 2000 fejn il-partijiet u d-difensuri, ghal kull buon fini, ikkonfermaw li qablu li l-provi kollha migbura f'din il-kawza ikunu applikabbli u jaghmlu stat fil-kawzi l-ohra 1062/92 u 1335/1995; ta' l-24 ta' Marzu 2000; tal-31 ta' Mejju 2000; tas-7 ta' Lulju 2000; tal-25 ta' Ottubru 2000; tas-7 ta' Frar 2001 fejn wara li ssejhet il-kawza l-partijiet ma dehrux, lanqas ma dehru meta regghet issejhet il-kawza ftit tal-hin wara. Il-Qorti ddeplorat dan in-nuqqas ta' interess; tas-16 ta' Mejju 2001 fejn Dr Edwina Chetcuti ipprezentat affidavit ta' Maria Concetta Green u kopja ta' l-istess affidavit inghatat *seduta stante* lill-attrici u iddikjarat li ma fadlilhiex aktar provi fit-tlett kawzi. Il-kawza giet differita sabiex l-attrici tiddikjara kienx fadlilha aktar provi; tas-6 ta' Gunju 2001; tas-6 ta' Lulju 2001; tat-23 ta' Novembru 2001 fejn Dr. Pawlu Lia, fid-dawl tan-natura tal-kazi nvoluti, talab li jinghata differiment biex jikkonsulta ruhhu ma' l-attrici jekk kienx fadal provi ohra; tat-30 ta' Jannar 2002 fejn Dr. Pawlu Lia b'referenza ghall-ahhar verbal, iddikjara li ma kellux aktar provi. Il-Qorti awtorizzat l-prezentata ta' nota da parti tal-konvenut; tas-17 ta' April 2002 fejn Dr. Daniela Borg nformat lill-Qorti li Dr. Edwina Chetcuti talbet aktar zmien ghall-prezentata tan-nota

msemmija u Dr. Pawlu Lia ma opponiex ghal differiment; tat-3 ta’ Lulju 2002; tal-25 ta’ Ottubru 2002; tad-29 ta’ Ottubru 2002; tat-23 ta’ Jannar 2003; tal-11 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti rat l-ingunzzjoni mahruga kontra l-attrici Ruth Sultana, liema ingunzjoni giet notifikata fit-3 ta’ Frar 2003. Rat li l-attrici baqghet ma dehritx, u ghalhekk il-Qorti ikkundannat lill-attrici ghal hamsa u ghoxrin Lira Maltija (Lm25) amenda u awtorizzat il-hrug ta’ skorta kontra l-attrici ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-kontendenti bl-intiza li, wara, tithalla ghas-sentenza. Dawn il-verbali kollha saru quddiem din il-Qorti diversament presjeduta kif inghad.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti datata 25 ta’ April 2003; u l-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Mejju 2003 quddiem din il-Qorti kif attwalment presejduta fejn Dr. Grima esebiet certifikat tat-twelid bhala Dok. “EG 1” u talbet li l-kawza tibqa ghas-sentenza. L-attrici u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti laqghet it-talba u baqghet differita ghas-sentenza llum.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (I) KUNTRATT TA’ SEPARAZZJONI.

Illi l-attrici qeghda titlob iz-zieda dovuta mill-konvenut bhala manteniment lilha u lil uliedhom u konsegwentement tistabbilixxi r-retta alimentarja dovuta mill-konvenut skond l-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni tad-29 ta’ Lulju 1991, kif ukoll sabiex din il-Qorti tillikwida ukoll l-arretrati kollha dovuti bhala zieda fil-manteniment skond il-kuntratt ta’ separazzjoni tad-29 ta’ Lulju 1991 sad-data tas-sentenza;

Illi l-artikolu relattiv fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti datat 29 ta' Lulju 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion huwa s-segwenti:

*"(vii) Emanuel Sultana qed jobbliga ruhu li jissoministra manteniment lil Ruth Sultana ghaliha u ghal uliedhom, fl-ammont ta' mitt Lira Maltin (Lm100) fix-xahar, liema manteniment jizdied b'hamsin fil-mija (50%) ta' kull zieda fil-paga jew fid-dhul li l-istess Emanuel Sultana jkollu minn zmien ghal zmien";*

Illi l-konvenut minn naha l-ohra fil-kontro-talba tieghu qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi l-attrici iddekadiet mid-dritt tal-manteniment minn zewgha u ghalhekk l-obbligu tal-manteniment kontrattwali fil-konfront taghha huwa mitmum.

**(II) PROVI PRODOTTI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Lulju 1970. Minn dan iz-zwieg twieldu:

a. Michael fit-30 ta' April 1976 (illum ghandu 27 sena);

b. Mark Anthony fit-12 ta' Gunju 1980 (illum ghandu 23 sena);

c. Liza Marie fit-12 ta' Gunju 1980 (illum ghandha 23 sena);

d. Jonathan fil-11 ta' Settembru 1985 (illum ghandu 18-il sena);

e. Sara Jane fit-23 ta' Dicembru 1989 (illum ghandha 14-il sena).

Illi l-attrici xehdet bil-procedura ta' l-affidavit, liema affidavit gie esebit fis-27 ta' Novembru 1995. Hija tghid, illi wara li l-istess kontendenti isseparaw, *"dak iz-zmien zewgi kien jahdem bhala suldat mal-Forzi Armati fejn ghadu sa llum. Ghalkemm skond il-kuntratt ta' separazzjoni kelli niehu z-zidiet skond iz-zieda fil-paga u*

*d-dhul ta' zewgi u fil-fatt huwa kellu zidiet sostanzjali huwa qatt ma ried izidni skond il-ftehim, u minkejja li tlabtu diversi drabi biex ihallasni l-awment fil-manteniment ekwivalenti ghal hamsin fil-mija ta' kull zieda fil-paga u fid-dhul tieghu, huwa baqa' ma ghamilx dan".*

Illi tghid ukoll l-istess attrici fl-affidavit taghha illi *"mhux talli ma kontx qed ninghata z-zidiet fil-manteniment, talli zewgi kemm-il darba qabad u qatghali minn jeddu dak li skond hu ma kienx aktar dovut lili. Fit-2 ta' Lulju 1992 kien qaghtali hames Liri Maltin (Lm5) arbitrarjament ghal darba wahda biss. Fit-30 ta' April 1994 kien minn jeddu qaghtali sbatax-il Lira Maltija (Lm17) fix-xahar minhabba, skond hu, li Michael kien ghalaq tmintax, fit-30 ta' Gunju qatghali tlieta u tletin Lira Maltija u tneju u tletin centezmu (Lm33.32) u fit-28 ta' Lulju 1995 qatghali hamsin Lira Maltija u zewg centezmi (Lm50.02). Mit-28 ta' Lulju 1995 ma hu qed jaghtini ebda manteniment la ghalija u anqas ghal uliedi. Ghandi nghid li jiena qatt ma accettajt it-tnaqqis arbitrarju tieghu u dejjem irrizervajt l-ammonti dovuti lejja skond il-kuntratt. B'kollox sa llum (sad-data ta' l-ipprezentar ta' dan l-affidavit u cjoe` sas-27 ta' Novembru 1995 – kliem mizjud tal-Qorti) jigi li arbitrarjament ma taghnix tmien mija u wiehed u tletin Lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm831.34c)."*

Illi fl-affidavit ulterjuri taghha datat 12 ta' Frar 1999 – esebit a fol. 59 tal-process – l-attrici, tghid illi *"sa llum zewgi baqa' ma jridx ihallas il-manteniment la ghalija u anqas ghal uliedna komuni u ma l-ammont gja ndikat minni llum ghandu jhallas ukoll ta' sena u xahrejn manteniment".* Tghid ukoll illi *"zewgi illum jallega li t-tfal kollha m'humiex tieghu pero` kollha kemm huma kien hu li mar jirregistrahom meta twieldu, u inoltre fil-kuntratt ta' separazzjoni jindikhom bhala uliedu u accetta li jhallas il-manteniment taghhom. Huwa hareg bl-oggezzjoni li m'humiex tieghu wara li qieghed jghix permanentement ma' mara ohra. Jiena sa llum bqajt ma nahdimx kemm minhabba li llum bl-eta` li ghandi difficli insib xoghol, pero` anke minhabba li kelli u ghadni niehu hsieb it-tfal. Nghixu biss bir-relief".*

Rat l-affidavit tal-konvenut datat 4 ta' Gunju 1999 esebit a fol. 166 *et seq.* tal-process. Fl-affidavit, il-konvenut jghid illi huwa beda` jnaqqas certu ammonti ta' flus minnu dovuta, u dan skond l-obbligu li kien assuma huwa fil-kuntratt ta' separazzjoni iffirmat bejnu u bejn l-attrici fid-29 ta' Lulju, 1991.

Illi l-ewwel darba li naqqas ammont ta' flus mill-mitt Lira Maltija (Lm100) dovuti minnu kien f'Marzu, 1994 u dan fl-ammont ta' hames Liri Maltin (Lm5) *"u dan peress illi marti ma kenitx baghtet lil Michael l-iskola".* Sussegwentement, il-konvenut naqqas sittax-il Lira Maltija (Lm16) ohra f'Gunju, *1995 "u dan peress illi l-attrici kienet qieghda tikkoabita ma' ragel iehor u precizament ma' hija". F'Lulju, 1995 il-konvenut rega` naqqas l-ammont ta' sittax-il Lira Maltija u sitta u sittin centezmu (Lm16.66) u dan peress illi "jiena kont fi hsiebni nibda proceduri il-Qorti ghaliex kont naf illi Sara u cjoe` t-tifla z-zghira ma kenitx wild naturali tieghi, izda kienet it-tifla ta' hija Anthony". Il-konvenut imbaghad ikompli jghid illi "f'Awissu 1995 jiena ma bqajtx nghaddilha iktar manteniment. Dan minhabba il-fatt illi jiena sa dik il-gurnata kont hallast l-ammont ta' disgha mija u tmienja u disghin Liri Maltin (Lm998) zejda ghal Sara Jane li ma kenitx binti".* Il-konvenut izid jghid illi huwa fetah kawza l-Qorti fejn talab li jigi dikjarat illi l-erbat' *itfal "Lisa Marie, Mark Anthony, Jonathan u Sarah ma kenux il-wild naturali tieghi. Kienet ghalhekk ukoll illi jiena waqqaft il-manteniment".* Il-konvenut imbaghad jghaddi biex jiddedika parti mill-affidavit tieghu jitkellem dwar ir-relazzjoni adultera li l-attrici allegatament ghandha ma' huh. Illi l-konvenut jallega wkoll li l-attrici tahdem. Jghid ukoll illi huwa fl-1992 kien iltaqa` ma' Maria Concetta Green.

Rat ix-xhieda l-ohra imressqin mill-konvenut, li ttellghu sabiex jipprovaw ir-relazzjoni adultera li l-attrici allegatament kellha ma' hu l-konvenut, kif ukoll l-allegazzjoni illi Sara Jane ma kenitx il-wild naturali tal-konvenut.

Illi fix-xhieda tieghu **Nazzareno Sultana** datatat 3 ta' Dicembru 1999, sostna li huwa qatt ma ra lill-attrici diehla

d-dar ta' Anthony, hu l-konvenut u ma jafx min joqghod mieghu.

Illi xehed ukoll **Anthony Sultana** fis-16 ta' Frar 2000 u qal li l-partjiet kienu ghamlu zmien joqghodu mieghu, izda f'Jannar 1992 l-istess konvenut ma baqax joghod hemm; ix-xhud qal li huwa telaq dakinhar stess ukoll u mar joqghod fil-*garage* u dam joqghod hemm madwar sena u nofs. Id-dar tieghu huwa taha lill-attrici minkejja dak li hemm fil-kuntratt datat l-1 ta' Dicembru 1997 esebit a fol. 219 tal-process.

Illi xehdet ukoll **Mary Spiteri Tachet,** il-mibki **Nutar John Hayman,** in-**Nutar Isabelle Gonzi**, u **Maria Concetta Green** *inter alia.*

Ill fil-fatt **Mary Spiteri Tachet**, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2000 kienet sostniet illi hija kienet taf lill-kunjugi Sultana, pero' kienet ilha ghaxar snin ma' tarahom. L-attrici qatt ma qratilha x-xorti u taf li kellhom problemi ghaliex l-attrici kienet tibki maghha pero' wara kienet tarahom flimkien u kienet tghid li rrangaw. Qatt ma kienet taf dwar xi problema dwar paternita' ta' xi tarbija li kellhom l-istess kontendenti. Fil-festa tal-maghmudija tat-tifla ma kienx jidher li kien hemm problemi. Il-konvenut kien mexa sewwa ma' martu fit-twelid ta' Jonathan u kien jaraha regolarment l-isptar.

Illi **Doris Gilson** xehdet ukoll fis-7 ta' Lulju 2000 li sostniet li l-konvenut u l-attrici kienu telghu jghixu l-Fgura. Ma tafx min hu l-missier ta' Sara Jane u qatt ma qalet xejn dwar dan lill-konvenut. Qatt ma marret ghand Ruth fid-dar taghha l-Fgura.

Illi **Maria Concetta Green** sostniet li skond omm l-konvenut l-attrici kienet tghix ma' huh Anthony. Skond hija fl-1992 l-istess konjugi kienu gja separati, Skond din ix-xhud l-istess omm l-konvenut kienet qalet li wahda mill-ulied tal-kontendenti ma kenitx tal-konvenut. Skond hija Doris qalet l-istess. Illi din ix-xhud kompliet tixhed dwar dak li qalu nies ohra lilha nkluz Rinalda bint Anthony Sultana. Skond ix-xhud Rinalda ma rieditx taghmel

affidavit. L-istess xhud tghid ukoll li l-attrici dejjem tigri warajha u wara l-konvenut. Saru allegazzjonijiet fuq l-attrici, lkoll ibbazati fuq dak li qalulha terzi. Hija fl-ahhar ta' l-affidavit qalet li kienet bdiet tiffrekwenta lill-konvenut wara li kien diga` legalment separat mill-attrici.

Illi gie esebit ukoll certifikat taz-zwieg numru 1769/2002. Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-attrici zzewget fid-9 ta' Ottubru, 2002 lil certu Ali Shawky.

**(II) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi dwar l-azzjoni attrici jinghad fl-ewwel lok li l-attrici qed titlob li l-manteniment taghha u tal-minuri indikati fil-kuntratt ta' separazzjoni permezz ta' klawsola (vii) fejn l-konvenut obbliga ruhhu li jhallas ghaliha u ghal erba' minuri hemm imsemmija s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar jigi likwidat abbazi tal-klawsola fl-istess kuntratt li fih hemm indikat li l-istess ammont ta' manteniment hemm stabbilit kellu jigi awmentat b'hamsin fil-mija (50%) ta' kull zieda fil-paga jew dhul li l-konvenut ikollu minn zmien ghal zmien. Din bla dubju hija kwistjoni ta' fatt kemm ghar-rigward ta' l-iffissar ta' l-istess rata u kemm ghal ordni sabiex tithallas l-istess konsegwenti ghall-ewwel u t-tieni talba attrici. Fuq kollox din hija ibbazata fuq dak miftiehem.

Illi it-tielet u r-raba' talba attrici hija wkoll konsegwenti ghall-ewwel talba attrici, *stante* li fl-istess talbiet qed jigi mitlub li din il-Qorti tillikwida l-arretrati dovuti mill-konvenut abbazi ta' tali zieda li tirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni, u l-arretrati mitluba huma proprju dawk konsegwenti ghall-istess zieda fir-rata ta' manteniment prospettata fl-istess kuntratt. Din hija wkoll kwistjoni ta' fatt.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut, din hija bbazata unikament fuq il-premessa li l-attrici kienet qed tghix *more uxorio* ma' ragel iehor, li fid-dikjarazzjoni u x-xhieda tieghu huwa identifika bhala huh Anthony u din ukoll hija kwistjoni ta' fatt. Fuq hekk biss hija l-kontro-talba tal-konvenut u ghalhekk fuq din biss din il-Qorti ser tiddeciedi.

Illi rigward b’pattijiet f’kuntratt ta’ separazzjoni u talbiet ghall-tibdil fl-istess fil-kawza fl-ismijiet **“Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et”** deciza min din il-Qorti, kif presjeduta fl-4 ta’ Lulju, 2002 inghad illi:-

“*Illi dan il-kuntratt sar abbazi ta’ l-artikolu 59 tal-Kap 16, u din ghandha l-effetti taghha kif provduti fl-artikolu 35 tal-Kodici Civili, u bhala tali twaqqaf kull pendenza gudizzjarja dwar is-separazzjoni personali bejn il-partijiet u konjugi, b’dan li l-istess seperazzjoni hija regolata biss bl-istess kuntratt, hlief ghal dak provdut fl-artikolu 61 tal-Kap 16, fl-interess ta’ l-istess minuri, fejn din il-Qorti tista’ thassar kull ftehim bejn il-partijiet dwar l-istess ulied, dejjem fl-interess ta’ l-istess minuri.*

*Illi allura ssegwi li ghal kull provediment iehor, inkluz biex jithassar jew jigi varjat dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet, wiehed irid jipprocedi taht id-dispozizzjonijiet relattivi dwar kuntratti in generali quddiem din il-Qorti, li ghandha kompetenza generali, hlief jekk provdut b’mod iehor b’xi ligi, dwar kwistjonijiet kollha ta’ natura civili u kummercjali.*

*Illi dan ifisser b’relazzjoni ghall-pendenza odjerna, li kull talba ghall-varjazzjoni ta’ manteniment, jew anke ghall-konferma ta’ l-istess manteniment, li dwaru hemm dispozizzjonijiet ad hoc bejn il-partijiet fl-istess kuntratt iffirmat bejniethom, ghandu u jista’ jsir biss lil din il-Qorti, u l-ebda Qorti ohra, anke ghaliex il-kompetenza tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili hija strettament dik ta’ Qorti volontarja u mhux kontenzjuza, hlief ghal dawk il-provvedimenti legali u ristretti, dwar manteniment, u konsiderazzjoni ohra biss konnessi ma’ l-awtorizzazzjoni sabiex il-konjugi jipprocedu ghal separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, u ghall-manteniment, kustodja u pendenzi dwar id-dar konjugali, pendente lite.”*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta' Frar, 1956, li kienet titratta ghall-talba ghal awment ta’ manteniment minn dak pattwit intqal illi “*l-promotur ta’ l-alimenti stabbiliti*

*bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti”*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **“Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem”** deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fit-2 ta’ Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*“… l-artiklu 992 sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili jghid hekk:*

*“Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*

*u dan wara li s-subartiklu (1) jghidilna li:*

*"Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

Illi ta’ rilevanza wkoll jista’ jkun l-**artikolu 21 sub-artiklu (1)** kif emendat bl-**Att XXI ta’ l-1993** li jitkellem dwar l-obbligu ta’ manteniment in generali u mhux dak bejn il-konjugi u dan illum jipprovdi li:-

*"Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-kaz."*

Illi dwar l-**artikolu 21** l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza taghha datata 15 ta’ Mejju 1998 fl-ismijiet **“Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe”** qalet illi:-

*“Din id-dispozizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti “volontarju”, “ope sententiae” jew “ex contractum” tal-manteniment”.*

Illi dwar il-portata ta' dan l-artikolu dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Li ma huwiex daqstant car pero` hu jekk dan l-artikolu japplikax biex jirregola wkoll l-obbligu tal-manteniment bejn il-konjugi. Dan ghaliex l-***artikolu 21** *jinsab fis-sub-titolu (2) ta' l-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola expressis il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u ahwa. Hu subtitolu li fil-fatt jirregola fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda dispozizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi".*

Illi din il-Qorti bir-rispett issostni li taqbel biss sa certu punt ma' dan l-insenjament u ghalkemm jidher li f'din il-kawza bhala xhieda l-partijiet dahhlu *in ballo* wkoll l-manteniment ta' minuri mill-konvenut, *in verita'* jirrizulta li hawn *si tratta* ta' kundizzjoni u patt f'kuntratt ta' separazzjoni li jipprospetta awment, u allura hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li dan l-artikolu ma japplikax ghall-kaz in ezami.
Illi forsi huwa aktar relevanti huwa l-**artiklu 32 ta' l-Att XXI** fuq imsemmi li emenda l-**artiklu 54 tal-Kodici Civili li fis-sub-artiklu 7**, kif emendat, jipprovdi:-

*"Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz".*

Illi din il-Qorti tinnota li f'dan l-ahhar artikolu imsemmi ma jinghad xejn dwar jekk l-istess dispozizzjoni tirreferix ghal manteniment stabblit b'kuntratt jew b'sentenza, pero' hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li la darba l-istess sub-artikolu huwa parti mill-**artikolu 54** li fl-ewwel subartikolu tieghu qed jitkellem dwar *"l-parti li kontra taghha tinqata' l-firda…"* dan qed jirreferi biss ghal meta l-istess manteniment jigi stabbilit b'ordni jew sentenza tal-Qorti u mhux fil-kaz ta' separazzjoni konsenswali. Fil-fatt fl-istess titolu tal-Kodici s-separazzjoni konsenswali hija biss trattata fl-**artikolu 59** *et sequitur***.**

Illi fil-fatt fl-ambitu biss ta' manteniment ordnat mill-Qorti s-sentenza **"Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001, u dik ta' **"Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe"** fuq imsemmija qalet illi:-

*"It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Inghad ukoll f'din is-sentenza ta' **"Zahra vs Zahra"** (sup. ct.) illi:

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod ma' l-impjieg jew ma' l-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut" "Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja" (P.A. (F.D) Cit Nru 154/4).*

Illli *invece* fil-kuntest ta' manteniment pattwit, u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti skond kif provdut fil-ligi taghna, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza **"Vella vs Vella"** tal-11 ta' Jannar, 1996 irriteniet li:-

"*Huwa minnu li "ad impossibilia nemo tenetur". Dan pero' biss f'cirkostanzi l-aktar eccezzjonali u ben provati meta l-Qorti tkun ghal kollox konvinta li c-cirkostanzi godda mhux biss ikkagunaw l-"impossibilita'" fis-sens reali u estrem tal-kelma, imma wkoll li tali cirkostanzi kienu ghal kollox inevitabbli u ma gewx provokati b'xi agir tad-debitur. Semplici tibdil f'sitwazzjoni finanzjarja wahdu ma jaghtix id-dritt ghar-revizjoni ta' l-obbligu ghall-hlas ta' retta alimentari liberament assunt. Hu car li l-obbligazzjonijiet kontrattwali ghandhom jigu rispettati u osservati. Ghalkemm hu minnu li l-Ligi llum ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn il-manteniment "ex lege", jigifieri dak determinat b'sentenza tal-Qorti, jew dak "ex contractu", in kwantu tezisti l-possibilita' ta' min hu obbligat li jhallas il-manteniment li "jitlob li jkun mehlus mill-obbligu jew ikun imnaqqas skond ma jkun il-kaz", jekk jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar*

*il-manteniment kollu jew bicca minnu, (art. 21 (1) ta' l-Att XXI ta' l-1993) jibqa' japplika dejjem il-principju illi Pacta Sunt Servanda. Dan ifisser li fil-kaz ta' manteniment stabbilit ex contractu, il-kriterji li ghandhom iwasslu lill-Qorti biex tvarja, u anke f'certi kazijiet tissospendi, l-obbligu ghall-manteniment, huma aktar rigidi u gravi minn dawk li tista' tapplika l-Qorti fil-kazijiet fejn hi stess stabbiliet ir-retta alimentari minghajr il-kunsens tal-konjugi. Kien ghal din ir- raguni u f'dan il-kontest li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet:* ***"Victoria Camilleri vs Mohammed Farag Abdul Kareem"****, deciza fit-2 ta' Novembru, 1994, htigielha taghmel ir-rikjam ghall-principju generali li wkoll jirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratti li hadd ma jista' jigi tenut jaghmel l-impossibbli*".

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan l-apprezzament hawn citat biss in linja generali, ghaliex l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 21 tal-Kap 16** f'kuntest ta' ftehim ghal separazzjoni hija fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti wahda dubjuza. Pero' din tigi trattata f'kazijiet ohra u forsi f'fora ohra.

<u>**(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**</u>

Illi dwar ic-citazzjoni attrici din hija kollha bbazata fuq klawsola (vii) tal-kuntratt ta' separazzjoni fejn hemm indikat li l-manteniment hemm stabbilit kellu *"jizdied b'hamsin fil-mija (50%) ta' kull zieda fil-paga jew dhul li l-istess Emanuel Sultana jkollu minn zmien ghal zmien".*

Illi t-talbiet kollha attrici huma kollha relattati ma' l-istess awment rikjest abbazi dejjem ta' l-istess patt u wkoll l-awment fil-paga jew introjtu ta' l-istess konvenut mid-data ta' l-imsemmi kuntratt. Izda tal-ghageb li minkejja l-fatt li l-kawza ilha pendenti iktar minn ghaxar (10) snin, (mhux quddiem din il-Qorti kif presjeduta), il-minimu ta' prova dwar kemm kien l-introjtu tal-konvenut fid-data tal-kunttrat u kif dan zdied minn zmien ghal zmien ma jidhirx li saret mill-attrici u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li t-talbiet kollha attrici ma jistghux jintlaqghu ghaliex ma saret l-

ebda prova ta' tali awment fil-paga jew introjtu tal-konvenut.

Illi dwar l-eccezzjoni tan-nullita` tal-kontro-talba din il-Qorti taghmel referenza ghall-**artikoli 396 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi l-kontro-talba saret fil-konfront ta' l-attrici biss u dan jirrizulta ukoll mit-talba li l-istess konvenut ghamel lil din il-Qorti f'din il-kontro-talba. It-talba kienet limitata biss ghar-rigward ta' l-attrici personalment. Ic-citazzjoni gietipprezentata mill-attrici kemm f'isimha proprju u kif ukoll f'isem uliedha. Illi ma' dan kollu din il-Qorti thoss li l-kontro-talba saret validament ghaliex saret kontra l-attrici rigwardanti l-manteniment taghha fil-kwalita' taghha personsali u 'n sostenn ta' dan l-argument il-Qorti taghmel referenza ghall-**artikolu 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi *"Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha jkun imharrek, lanqas ma jista jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalita ohra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tieghu".* Illi jidher li ghalhekk il-konvenut mexxa l-kontro-talba tieghu kontra l-attrici personalment, kif personalment ressqet din il-kawza u l-fatt li l-kontro-talba hija biss limitata ghall-manteniment taghha ma jwassalx ghan-nullita' *per se* ta' l-istess kontro-talba.

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut fejn qed jitlob li l-istess attrici tigi ddikjarata li ddekadiet mid-dritt ta' manteniment pattwit favur taghha fl-imsemmi kuntratt u dan peress li qed isostni li l-istess attrici kienet qed tghix ma' persuna ohra, li fid-dikjarazzjoni tieghu u fil-kawza identifika bhala huh, Anthony, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti din l-allagazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata anzi hija addirittura kontestata u kontradetta mill-attrici u mill-istess Anthony Sultana.

Illi jidher li l-istess konvenut ibbaza l-allegazzjonijiet tieghu fuq xi xhieda li bhal per ezempju, Maria Concetta Green ibbazaw irwiehom fuq dak li qaltilhom allegatament terza persuna, u dan kollu huwa *detto del detto* li lanqas huwa biss permessibbli.  Dan apparti li certament din ix-xhud uriet animosita' lejn l-attrici, anke peress li jidher li din ix-

xhud kienet tiffrekwenta lill-konvenut wara s-separazzjoni ta’ l-istess konjugi. L-istess jinghad meta l-istess konvenut jirreferi ghad-dikjarazzjoni guramentata li ghamlet ommu stess quddiem in-Nutar John Hayman u dan apparti li din l-Qorti thoss ukoll li tali dikjarazzjoni lanqas hija kredibbli, u fil-fatt mill-atti processwali, l-istess Maria Sultana ma ttelghetx quddiem din il-Qorti ghal xi raguni li l-konvenut biss jaf ghaliex. Illi minbarra dan hemm ix-xhieda ta’ l-attrici, ta’ Anthony Sultana, Mary Spiteri Tachet, u Doris Gilson, li minkejja t-tentattivi u l-isforzi tal-konvenut bl-ebda mod ma jikkoroboraw it-tezi ta’ l-istess konvenut. Anzi f’partijiet sostanzjali mill-istess xhieda, l-allegazzjonijiet tal-konvenut huma kontradetti, u kollha jixhdu li qalu dak li allega li qal l-konvenut fuq l-attrici u huh.

Illi fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut jislet diversi konkluzjonijiet mix-xhieda prodotti, izda din il-Qorti thoss li prova li l-istess attrici kienet qed tghix *more uxorio* ma’ huh ma hemmx, u kull *indizji* li l-istess konvenut jirreferi ghalihom ma jwasslux ghall-grad ta’ prova li kien jinkombi fuqu. F’dan il-kuntest din il-Qorti evalwat id-dikjarazzjoni ta’ omm il-konvenut u x-xhieda kollha fuq indikati u din il-Qorti thoss li apparti li d-dikjarazzjoni ta’ l-omm ma hijiex kredibbli u verosimili, ix-xhieda l-ohra prodotti mill-konvenut innifsu kkontraducew dak li allega l-istess konvenut u ghalhekk abbazi tal-premess il-Qorti thoss li t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ghandha tigi michuda *stante* li l-allegazzjonijiet tal-konvenut anke bhala fatt ma gewx ippruvati.
Illi dan qed jinghad apparti l-konsiderazzjoni legali li l-istess kuntratt ta’ seperazzjoni huwa ligi bejn il-partijiet u fl-istess kuntratt ma hemm xejn li jindika li l-attrici ghandha tiddekadi minn manteniment offrut volontarjament mill-konvenut u minnu accettat fl-istess ftehim pubblikat. Pero’ minkejja dan kollu, jibqa’ l-fatt li l-premessi tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu ma gewx lanqas ippruvati u ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenut qatt ma tista’ tirnexxi.

Illi fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenut saret riferenza ghall-fatt li l-istess minuri llum saru maggoreni, pero’ l-pretensjoni tieghu odjerna, istitwita abbazi tal-

kontro-talba tal-konvenut ma titrattax assolutament dwar dan, izda biss fuq il-kwistjoni ta’ l-allegat adulterju ta’ l-attrici u xejn izjed hlief ovvjament il-manteniment taghha.

Illi ghalhekk il-kontro-talba tal-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet kollha attrici fic-citazzjoni taghha,** *stante* nuqqas ta’ provi.

Bl-ispejjez ta’ l-istess citazzjoni attrici kontra l-istess attrici u dan apparti dak li ser jigi deciz iktar ‘il quddiem dwar id-dewmien ta’ din il-kawza.

Illi fir-rigward tal**-kontro-talba ipprezentata mill-konvenut**, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ l-attrici, u tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra ta’ l-attrici biss in kwantu l-istess huma kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad l-kontro-talba tal-konvenut** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez ta’ l-istess kontro-talba kontra l-istess konvenut dan apparti dak li ser jigi deciz iktar ‘il quddiem dwar id-dewmien ta’ din il-kawza.

Illi din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn anke minhabba l-pika esegerata taghhom, tant li fil-fatt il-partijiet damu zmien twil sabiex jaghlqu l-provi taghhom, b’dan li dawn in-nuqqasijiet ta’ kull parti wasslu biex il-kawza titwal bla bzonn u ghalhekk din il-Qorti b’applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta’ l-Iskeda “A” tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** tordna lilll-attrici proprju thallas is-somma ta’ mitejn Lira Maltija (Lm200) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut hallas is-somma ta’ mitejn Lira Maltija (Lm200) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijiet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tletin (30)

gurnata fir-Registru ta' din il-Qorti mid-data ta' din is-sentenza.
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------